



Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8258/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0098(NLE)

---

---

AELE 35  
MI 246  
FL 17  
ISL 17  
N 19  
EMPL 147  
SOC 232

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 07 20 03 01 - Sigurtà Soċjali)

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31  
tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi  
li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 07 20 03 01 - Sigurtà Soċjali)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 48, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>2</sup> (il-“Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE titkompla dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inkluż il-migranti minn pajjiżi terzi.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni sseħħ mill-1 ta’ Jannar 2025.
- (5) Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/1994/1/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj)

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---